# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' Gunju, 2001**

**Numru 16**

**Cit. Nru. 728/01 GCD**

**Dove Trading Limited u Jesmond u Doreen Sciberras**

**Vs**

**Mario Attard u Carol Ann Thompson**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-atturi li bih, wara li ppremettew:

Illi l-konvenuti huma debituri ta' l-atturi fl-ammont ta' sitt elef, tliet mija sebgha u tmenin lira u hamsin centezmu (Lm6,387.50), rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mal-kera tal-fond "Franka Bar and Restaurant" ta' Triq l-Alka, San Pawl il-Bahar, skond l-iskrittura privata datata 24 ta' Dicembru, 1999;

Illi avolja interpellati biex ihallsu dan l-ammont, il-konvenuti baqghu inadempjenti u ma hallsu xejn; u

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li d-dejn huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma ta' l-atturi, il-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu ghat-talba ta' l-istess socjeta` attrici;

Talbu illi l-Qorti, dispensat is-smigh tal-kawza skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta:

1. tiddeciedi l-kawza skond it-talba, bid-dispensa tat-trattazzjoni;

2. tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt elef, tliet mija u sebgha u tmenin lira u hamsin centezmu (Lm6,387.50), rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mal-kera tal-fond "Franka Bar and Restaurant" ta' Triq l-Alka, San Pawl il-Bahar, skond l-iskrittura privata datata 24 ta' Dicembru, 1999;

3. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-imghax skond il-ligi mid-data li l-pagament intier kien dovut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid u sekwestru pprezentati kontestwalment mac-citazzjoni, u bl-interessi legali kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta’ l-atturi;

Rat in-nota li biha l-atturi naqqsu t-talba ghal Lm5,383.50;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif imnaqqsa;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba kif imnaqqsa tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-atturi kif imnaqqsa, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm